MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1083/2004

**Aluserv Limited**

**Vs**

**Michael u Betty Verzin**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,334.15c (elf tlett mija w erbgha u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti xoghol ta' aluminium kkonsenjat u mwahhal.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota pprezentata llum li biha s-sorte gie ridott ghal Lm575.00c (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin)

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Martin Fenech li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ Lm575.00c (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------